



Brussell, 24 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6884/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0390(APP)

COMPET 258
RECH 91
FIN 347
ENER 98

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2003/76/KE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li tistabilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37
dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA
u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar,
anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea
u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2003/76/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġislattiva speċjali,

¹ Il-kunsens ta' ... 2026 (għadu mhux ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar skada fit-23 ta' Lulju 2002, f'konformità mal-Artikolu 97 ta' dak it-Trattat. L-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) ġew ittrasferiti lill-Komunità Ewropea fl-24 ta' Lulju 2002.
- (2) F'konformità mal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (il-“Protokoll”), anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-valur nett tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA, kif jidhru fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA, għandu jitqies bħala assi maħsuba għar-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar, imsejħa l-"KEFA f'likwidazzjoni", u, mat-tlestija tal-likwidazzjoni tal-KEFA, imsejħa bħala l-"assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar" (flimkien imsejħa “l-assi”).
- (3) Il-Protokoll jipprevedi wkoll li d-dħul mill-assi, imsejjaħ il-"Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar" (RFCS), għandu jintuża esklużivament għar-riċerka, barra mill-programm qafas għar-riċerka, fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar, f'konformità mal-Protokoll u l-atti adottati abbażi tiegħu.

- (4) Fl-1 ta' Frar 2003, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2003/76/KE², li stipulat ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Protokoll.
- (5) Għal ħafna snin, il-valur tad-dħul prodott assenjat għall-finanzjament tal-proġetti ta' riċerka għall-faħam u l-azzar qed jonqos b'rata mgħaġġla minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, u l-assi mhumiex qed jiġġeneraw biżżejjed dħul biex jiffinanzjaw l-allokkazzjoni annwali attwali tal-RFCS ta' EUR 111-il miljun għas-sejthiet, stabbilita bid-Deċiżjoni 2003/76/KE. B'konsegwenza tat-telf fl-2022 u 2023, is-sejthiet fl-2024 u 2025 ġew iffinanzjati kompletament permezz tal-bejgħ tal-assi. Għall-2026 u possibbilment għas-snin sussegwenti ukoll, kwalunkwe profitt ser ikopri l-allokkazzjoni annwali parzjalment biss, u, ma huwiex mistenni li jkun biżżejjed biex jippermetti għall-finanzjament ta' programm ta' ħidma sinifikanti.
- (6) Bħala parti mill-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-azzar tal-Unjoni u tissalvagwardja l-futur tal-industrija, fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2025 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli", il-Kummissjoni ħabbret li se tipproponi riforma ġenerali tal-RFCS sabiex tissimplifika u tħaffef aktar l-investimenti fir-riċerka dwar l-azzar. Jenħtieġ li din l-aċċellerazzjoni tirrifletti l-ħtiġijiet tas-settur.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2003/76\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2003/76(1)/oj)).

- (7) It-tranżizzjoni tal-enerġija mis-sorsi tal-enerġija fossili, speċjalment il-faħam, bħalissa tirrappreżenta sfida, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, speċjalment għall-industriji u l-ħaddiema fir-reġjuni dipendenti mill-faħam. Sfidi ulterjuri jinkludu l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan mill-minjieri tal-faħam fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (8) Minn Awwissu 2027, huwa mistenni li l-KEFA f'likwidazzjoni ma jkollha la obligazzjonijiet finanzjarji u lanqas riċevibbli, u b'hekk tippermetti t-tlestija tal-likwidazzjoni tagħha.
- (9) Il-bejgħ ta' parti mill-assi biex jiġu ffinanzjati l-proġetti ta' riċerka fis-setturi tal-faħam u tal-azzar huwa possibbli, fid-dawl tan-nuqqas tal-obbligazzjonijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni.
- (10) Fid-dawl tal-bidliet finanzjarji u tal-kunsiderazzjonijiet ta' politika flimkien, jenħtieġ li d-daqs tal-programm ta' riċerka jiġi determinat b'mod li jiżgura li l-assi jkunu jistgħu jintużaw u jiġu implimentati b'mod korrett f'konformità mal-oġettivi tal-Protokoll u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-massa kritika għad-daqs tal-programm ta' riċerka ma tistax tinkiseb biss bl-użu tad-dħul jew ta' parti limitata mill-assi li jifdal. L-ammonti meħtieġa għall-programm ta' riċerka ser jeħtieġu l-użu tal-assi kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw l-assi li jifdal biex jiġi pprovdut appoġġ sinifikanti, barra mill-programm qafas għar-riċerka tal-Unjoni, għall-proġetti ta' riċerka kollaborattiva siewja li għandhom il-massa kritika biex joħolqu valur miżjud tal-Unjoni, fis-setturi tal-faħam u tal-azzar.

³ Ir-Regolament (UE) 2024/1787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (ĠU L, 2024/1787, 15.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1787/oj>).

- (11) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2025 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "il-Patt għal Industrija Nadifa" u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli, il-Kummissjoni appoġġat l-argument għall-vijabbiltà għall-investimenti kbar li għandhom iseħħu fl-Unjoni fis-snin li ġejjin, inkluż għall-industrija tal-azzar. Abbażi ta' dak l-inċentiv politiku, il-RFCS jenħtieġ li jikkontribwixxi għal tranżizzjoni rapida għal teknoloġiji aktar nodfa billi jiffinanzja parti mill-isforzi ta' riċerka meħtieġa, inkluż ir-riċerka preparatorja għal investimenti kbar u riċerka addizzjonali tappoġġa l-użu ta' investimenti fuq skala kbira.
- (12) Is-sejħiet mill-2027 sal-2033 sa EUR 120 miljun fis-sena, u sejħa fl-2034 ta' ammont ekwivalenti għall-assi mhux allokatu disponibbli li jifdal, huma mistennija li jużaw l-investiment privat biex itejbu l-kompetittività u jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi tal-faħam u tal-azzar. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti allokkazzjonijiet annwali xierqa biex jippermettu tali sejħiet u jippermettu appoġġ sinifikanti sat-tmiem tal-2034.
- (13) Sabiex jiġi assenjat id-dħul nett kollu mill-investimenti u biex tiġi ffaċilitata ż-żieda tal-allokkazzjoni għall-2027 minn EUR 111-il miljun sa 120 miljun, huwa xieraq li jitnaqqas il-perjodu taż-żmien tal-allokkazzjoni tiegħu permezz tal-kopertura tal-allokkazzjoni għas-sena $n+1$ bil-karti ta' bilanċ magħluqa tal-assi fis-sena n fis-snin 2026 sa 2033, filwaqt li jinżammu l-allokkazzjonijiet annwali diġà stabbiliti bid-Deċiżjoni 2003/76/KE.

- (14) Id-distribuzzjoni attwali tal-allokkazzjonijiet baġitarji bejn ir-riċerka dwar il-faħam u dwar l-azzar ta' 27,2% u 72,8% rispettivament, huwa appoġġat miż-żewġ setturi u jibqa' xieraq meta jitqiesu l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' assorbiment rispettivi tagħhom.
- (15) Sabiex tkun tista' tadatta għall-ħtiġijiet possibbli ta' finanzjament għar-riċerka tas-settur tal-faħam jew tal-azzar fil-każ ta' assorbiment insuffiċjenti tas-settur l-ieħor, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex, jekk ikun meħtieġ, fl-2034 temenda din id-Deċiżjoni biex tibdel il-perċentwal ta' finanzjament allokat għar-riċerka relatata mal-faħam u għar-riċerka relatata mal-azzar, biex ikun jista' jsir użu sħiħ mill-assi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, jeħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj.

- (16) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2003/76/KE tiġi mħassra. Madankollu, sakemm titlesta l-likwidazzjoni tal-KEFA, huwa xieraq li tinżamm l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni sakemm jitlestew l-operazzjonijiet finanzjarji tal-KEFA f'likwidazzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-“KEFA flikwidazzjoni” u, mat-tlestija tal-likwidazzjoni tal-KEFA, tal-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (flimkien imsejħa "l-assi").

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha timmaniġġa l-assi b'tali mod li żżomm allokkazzjoni annwali tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (“RFCS”) sa EUR 120 miljun għas-snin 2027 sa 2033 inklużi sabiex tiffinanzja r-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar. Kwalunkwe assi mhux allokat li jifdal għandhom ikunu parti minn allokkazzjoni għas-sena 2034 ugwali għall-valur tas-suq ta' dawk l-assi fil-mument tat-trasferiment lill-Fond tar-RFCS, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-suq. Dik l-allokkazzjoni għandha tintuża biex tiffinanzja r-riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar fl-2034 u s-snin sussegwenti.

2. L-attivitajiet ta' riċerka għall-azzar għandhom jiffukaw fuq proċessi ta' produzzjoni u tlestija tal-azzar sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-ħolqien ta' prodotti tal-azzar avvanzati, swieq ewlenin, il-konservazzjoni tar-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari, l-iżvilupp tal-ħiliet, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-użu ta' teknoloġiji diġitali. L-attivitajiet ta' riċerka relatati ma' proġetti ta' riċerka dwar il-faħam għandhom jiffukaw fuq il-ġestjoni tat-tranżizzjoni ġusta, inkluż permezz tal-ġhoti ta' skop ġdid, ta' minjieri tal-faħam li kienu joperaw qabel jew minjieri tal-faħam fil-proċess tal-ġheluq u l-infrastruttura relatata, inkluż ir-reġjuni li jinsabu fihom, f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2021/523⁵, (UE) 2021/1056⁶ u (UE) 2021/1229⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' din id-Deċiżjoni.
3. L-allokazzjoni annwali tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun magħmula mid-ħul nett mill-investimenti, u mill-ammont ta' kontanti li jiġu ġġenerati bil-bejgħ ta' parti mill-assi.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: E <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1229/oj>).

Artikolu 3

1. Kull sena, għandhom jitfasslu kont tal-profitt u t-telf, karta tal-bilanċ u rapport finanzjarju biex juru, separatament mill-operazzjonijiet finanzjarji l-oħra tal-Unjoni, it-tranżazzjonijiet ta' investiment u l-operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-assi skont l-Artikolu 2.

Ir-rapporti finanzjarji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu annessi mar-rapporti finanzjarji mfassla mill-Kummissjoni kull sena skont l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 247 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

2. Is-setgħat tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontroll u l-kwittanza kif stabbiliti fit-TFUE u fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 japplikaw għat-tranżazzjonijiet u l-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

⁸ Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

Artikolu 4

1. Id-dħul nett mill-investimenti previsti fl-Artikolu 2 u l-ammonti ta' kontanti li għandhom jiġu ġġenerati mill-bejgħ ta' parti mill-assi għandhom jikkostitwixxu dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Dak id-dħul u dawk l-ammonti ta' kontanti għandhom jiġu mmarkati għall-iskop speċifiku tal-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar li ma humiex koperti mill-programmi qafas għar-riċerka. Huma għandhom jiffurmaw l-RFCS u għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni.
2. Id-dħul nett u l-ammonti ta' kontanti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqassmu permezz ta' programmi ta' ħidma, b'27.2 % allokat għar-riċerka relatata mal-faħam u 72.8 % allokat għar-riċerka relatata mal-azzar.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 biex jinbidel il-perċentwal ta' finanzjament allokat għar-riċerka relatata mal-faħam u għar-riċerka relatata mal-azzar imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jekk meħtieġ biex ikun jista' jsir użu sħiħ tal-assi fl-2034.
3. Id-dħul nett u l-ammonti ta' kontanti allokat skont il-paragrafu 1 u li għadhom disponibbli fil-31 ta' Diċembru fi kwalunkwe sena partikolari, kif ukoll l-ammonti rkuprati, għandhom jiġu riportati awtomatikament għas-sena ta' wara.

4. L-appropriazzjonijiet baġitarji li jikkorrispondu għall-kanċellazzjonijiet tal-impenji għandhom jiskadu awtomatikament fi tmiem kull sena finanzjarja. Id-dispożizzjonijiet għall-impenji rilaxxati minħabba l-kanċellazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-RFCS.

Artikolu 5

Id-dħul nett u l-ammonti ta' kontanti disponibbli għall-finanzjament tal-proġetti ta' riċerka għas-sena n+1 għandhom jiġu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA f'likwidazzjoni tas-sena n u, mat-tlestija tal-likwidazzjoni, fil-karta tal-bilanċ tal-assi tal-RFCS tas-sena n, sal-allokazzjoni tal-assi li jifdal fl-2033 għall-2034.

Artikolu 6

In-nefqa amministrattiva li tirriżulta minn operazzjonijiet ta' likwidazzjoni, ta' investiment u ta' ġestjoni msemmija f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi mill-Kummissjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 7

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adożżjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tmien snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu (4)2, it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8

Id-Deċiżjoni 2003/76/KE titħassar.

Madankollu, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE għandu jkompli japplika għall-operazzjonijiet finanzjarji tal-KEFA f'likwidazzjoni sakemm titlesta l-likwidazzjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President